Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0540(COD)

19.5.2026

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Ana Catarina Mendes

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Page

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 41

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
(COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0540),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 78(2) u l-Artikolu 79(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0177/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta’ ... [1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

[1] ĠU C... / Għadha mhijiex ippubblikata f’Il-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) permezz tal-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-ħsieb li jiġi offrut status xieraq lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement f'konformità mal-Artikolu *77* TFUE, u politika komuni dwar l-immigrazzjoni mmirata biex tiżgura, fl-istadji kollha, il-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, u l-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra, l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin f'konformità mal-Artikolu 79 TFUE.	(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) permezz tal-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-ħsieb li jiġi offrut status xieraq lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement f'konformità mal-Artikolu ***78*** TFUE, u ***l-iżvilupp ta'*** politika komuni dwar l-immigrazzjoni mmirata biex tiżgura, fl-istadji kollha, il-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, u l-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra, l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin f'konformità mal-Artikolu 79 TFUE.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Id-dħul fis-seħħ tal-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil f'Ġunju 2024 ***sawwar mill-ġdid il-politika tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Sabiex titrawwem l-implimentazzjoni tal-Patt u jiġu appoġġati l-isforzi biex jiġi żgurat approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni li jkun ibbażat fuq is-solidarjetà u l-kondivižjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-***	(2) ***Sabiex jiġi implimentat il-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ***li daħal fis-seħħ*** f'Ġunju 2024, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu appoġġati minn riżorsi finanzjarji adegwati ***fil-livell tal-Unjoni***. Dan l-appoġġ tal-Unjoni se jingħata skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà

aġenziji tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu appoġġati minn riżorsi finanzjarji adegwati. Dan l-appoġġ tal-Unjoni se jingħata skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	stabbiliti bir-Regolament (UE) […].

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-azzjonijiet kollha appoġġati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu implimentati f'konformità sħiħa mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni. Jenħtieġ li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet jew id-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw lit-tfal migranti, inkluż ir-ritorni, filwaqt li jitqies bis-sħiħ id-dritt tat-tfal li jesprimu l-fehmiet tagħhom.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għall-politika dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti ***minn dan ir-Regolament***.	(3) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi ***speċifiċi*** tal-appoġġ tal-Unjoni għall-politika dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni***, jidentifika l-livelli minimi ta' finanzjament li għandhom jiġu pprovduti għal dawk l-objettivi speċifiċi, jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-kofinanzjament fir-rigward ta' miżuri meħuda taħt dan l-istrument, u jistabbilixxi lista ta' azzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni***. Jenħtieġ li l-Istati Membri***, f'konformità mal-livelli minimi ta' finanzjament stabbiliti f'dan ir-Regolament,*** jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti ***fih***.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Minħabba n-natura interna tal-appoġġ tal-Unjoni pprovdut skont dan ir-Regolament u minħabba li dan ir-Regolament huwa l-istrument ewlieni ta' finanzjament għall-politiki dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-istrument primarjament jappoġġa azzjonijiet li jaqdu l-politika interna tal-Unjoni dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni f'konformità mal-objettivi tal-istrument.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Minbarra r-rata ta' kofinanzjament ipprovduta mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għal miżuri jew azzjonijiet eliġibbli, l-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu finanzjament mill-baġits tal-awtoritajiet pubbliċi tagħhom meta tali finanzjament ikun essenzjali biex jitwettaq proġett, b'mod partikolari meta l-proġett jiġi implimentat minn organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jibni fuq ir-riżultati u l-investimenti fl-oqsma tal-ażil u ***l-migrazzjoni*** mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti: (i) il-Fond Ewropew għar-Refuġjati stabbilit bid-Deċiżjoni 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] għall-perjodu 2008-2013; (ii) il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE[4] għall-perjodu 2007-2013; (iii) il-Fond Ewropew għar-Ritorn stabbilit bid-Deċiżjoni 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] għall-perjodu 2008-2013; il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-	(5) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jibni fuq ir-riżultati u l-investimenti fl-oqsma tal-ażil***, il-migrazzjoni*** u ***l-integrazzjoni*** mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti: (i) il-Fond Ewropew għar-Refuġjati stabbilit bid-Deċiżjoni 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] għall-perjodu 2008-2013; (ii) il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE[4] għall-perjodu 2007-2013; (iii) il-Fond Ewropew għar-Ritorn stabbilit bid-Deċiżjoni 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] għall-perjodu 2008-2013; il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni stabbilit bir-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] għall-perjodu 2014-2020, u (v) il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-perjodu 2021-2027, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Jenħtieġ li l-ambitu tal-appoġġ tal-Unjoni jippermetti wkoll li jitqiesu żviluppi ġodda.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] għall-perjodu 2014-2020, u (v) il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-perjodu 2021-2027, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7]. Jenħtieġ li l-ambitu tal-appoġġ tal-Unjoni jippermetti wkoll li jitqiesu żviluppi ġodda.

___

[3] Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati ***għall-perijodu*** mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/573/oj).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/435/oj).

[5] Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007, li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn ***għall-perijodu*** mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/575/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L

___

[3] Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati ***għall-perjodu*** mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/573/oj).

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/435/oj).

[5] Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007, li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn ***għall-perjodu*** mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2007/575/oj).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L

150, 20.5.2014, p. 168, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/516/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU 251, 15.7.2021, p. 1-47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1147/oj).

150, 20.5.2014, p. 168, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/516/oj).

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU 251, 15.7.2021, p. 1-47, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1147/oj).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kuntest ġeopolitiku tal-Ewropa nbidel b'mod sinifikanti, u affettwa b'mod profond il-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, anke minħabba r-rwol tal-atturi tal-Istat fil-ħolqien u l-iffaċilitar artifiċjali tal-migrazzjoni irregolari, fl-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi, u għall-użu ta' tattiċi tal-gwerra ibridi, bħall-użu tal-migrazzjoni[8] bħala arma, biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Istati Membri jeħtieġu jkunu jistgħu jirrispondu malajr u b'mod effettiv għall-iżviluppi tal-flussi migratorji u jirċievu l-appoġġ tal-Unjoni għal dak l-għan. Biex twieġeb għal dawn l-isfidi Ewropej, l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għandha tirrifletti l-prijoritajiet tal-Unjoni. Għalhekk, l-appoġġ tal-Unjoni implimentat skont ir-regoli li jirregolaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea fit-tul għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u ċ-ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE)	L-appoġġ tal-Unjoni implimentat skont ir-regoli li jirregolaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea fit-tul għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u ċ-ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024[9], inkluż il-mekkaniżmu ta' solidarjetà annwali u l-Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024[9], inkluż il-mekkaniżmu ta' solidarjetà annwali u l-Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

___

[8] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

___

[8] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tidher li tissuġġerixxi li l-migrazzjoni lejn l-Ewropa issa hija dejjem kwistjoni ta' "strumentalizzazzjoni" iżda ma hemm l-ebda evidenza li dan huwa l-każ. Il-każijiet ċari ta' "strumentalizzazzjoni" li seħħew ftit snin ilu ġew ittrattati fiż-żmien meta seħħew. L-affermazzjoni ripetuta li l-politiki biex tiġi indirizzata l-istrumentalizzazzjoni għandhom ikunu l-bażi għall-politika kollha tal-UE dwar il-migrazzjoni hija sempliċiment l-approċċ żbaljat.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li ġeneralment jiġu implimentati fl-istadji bikrija tal-integrazzjoni***, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri	Joffri wkoll appoġġ għall-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni bikrija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni. L-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul ***jistgħu wkoll*** jiġu

fil-qasam tal-integrazzjoni, ***filwaqt li*** l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul ***jenħtieġ li*** jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.

segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni. ***Fi kwalunkwe każ, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jfittex li jiggarantixxi aċċess ugwali u nondiskriminazzjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-mira tal-miżuri ta' integrazzjoni.***

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni ***u*** l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. ***il-Faċilità*** tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni***,*** l-ażil ***u l-integrazzjoni*** qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. ***Fl-istess ħin, biex jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti u prevedibbli fir-rigward tal-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u fir-rigward tal-iżvilupp tal-migrazzjoni legali u l-promozzjoni u l-kontribut għall-integrazzjoni, jenħtieġ li perċentwal minimu fiss tal-allokazzjoni annwali mill-faċilità tal-UE għal dan ir-Regolament jiġi ddedikat għal dawk l-objettivi speċifiċi. Barra minn hekk, sabiex jiġu estiżi l-flussi ta' finanzjament dirett fi ħdan il-Faċilità tal-UE għall-***

awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' integrazzjoni, huwa xieraq li wieħed jibni fuq il-prattika stabbilita taħt il-Fond attwali għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, u li jitwarrab 5 % tal-appoġġ annwali li għandu jiġi dirett lejn l-Affarijiet Interni speċifikament għal azzjonijiet ta' integrazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri. ***Jenħtieġ li l-flessibbiltà fil-programmazzjoni ma tirriżultax fir-riallokazzjoni sistematika tar-riżorsi lil hinn mill-azzjonijiet ta' protezzjoni u integrazzjoni.***

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Jenħtieġ li l-istrument jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni tal-Istati Membri biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri li jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki tagħhom dwar l-ażil fid-dawl tal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u tal-Unjoni biex jimplimentaw bis-shiħ il-Patt u jiżviluppaw ulterjorment is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) Meta wieħed iqis l-isfidi ekonomiċi u demografiċi fit-tul li qiegħda tiffaċċja l-Unjoni kif ukoll in-natura dejjem aktar globalizzata tal-migrazzjoni, huwa kruċjali li jiġu stabbiliti rotot ta' migrazzjoni legali lejn l-Unjoni li jiffunzjonaw tajjeb sabiex l-Unjoni tibqa' destinazzjoni attraenti għall-migrazzjoni regolari, f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u t-tkabbir tal-ekonomija tal-Unjoni, filwaqt li l-migranti jiġu mħarsa mill-isfruttament.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 7d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7d) Meta jitqiesu l-flussi migratorji lejn l-Unjoni u l-importanza li jiġu żgurati

l-integrazzjoni u l-inklużjoni fit-tul għall-persuni li jiġu fl-Ewropa għall-komunitajiet lokali u għall-benesseri fit-tul tas-soċjetajiet tagħna u l-istabbiltà tal-ekonomiji tagħna, huwa kruċjali li jiġu appoġġati l-politiki tal-Istati Membri għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-istrument jappoġġa miżuri ta' integrazzjoni li huma mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll miżuri orizzontali li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri li jiżviluppaw strateġiji ta' integrazzjoni, isaħħu l-iskambju u l-kooperazzjoni, u jippromwovu l-kuntatt, id-djalogu kostruttiv u l-aċċettazzjoni bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u s-soċjetà riċeventi.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 7e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7e) Politika effiċjenti, sostenibbli u dinjituża dwar ir-ritorn hija parti integrali mill-approċċ komprensiv dwar il-migrazzjoni imfittex mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li l-istrument jappoġġa u jinkoraġġixxi l-isforzi mill-Istati Membri bil-ħsieb tal-implimentazzjoni effettiva u l-iżvilupp ulterjuri ta' standards komuni dwar ir-ritorn, b'enfasi fuq ir-ritorn volontarju, u ta' approċċ integrat u koordinat għall-ġestjoni tar-ritorn. Għal politiki ta' ritorn sostenibbli, l-istrument jista' jappoġġa bl-istess mod miżuri relatati f'pajjiżi terzi, bħal miżuri biex jiġu ffaċilitati u garantiti ritorn u riammissjoni sikuri u dinjitużi u riintegrazzjoni sostenibbli tal-persuni rimpatrijati, inkluż permezz tal-għoti ta' appoġġ fi flus jew in natura. Minħabba d-

daqs u n-natura tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma benefiċjarji potenzjali tal-appoġġ skont dan ir-Regolament, ir-rati ta' kofinanzjament previsti fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, huma esklużjonarji u mhux realistiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rati ta' kofinanzjament adattati f'dan ir-Regolament biex jipprovdu opportunitajiet realistiċi għall-atturi tas-soċjetà ċivili fuq skala żgħira u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali żgħar biex jibbenefikaw mill-appoġġ skont dan ir-Regolament u biex joffru lill-Istati Membri l-azzjonijiet u s-servizzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza. ***Peress li l-prinċipju tas-sħubija huwa partikolarment importanti fil-kuntest tal-politiki dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu dettalji dwar il-kompożizzjoni tas-sħubijiet tagħhom kif ukoll id-deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' sħubija sa fejn dawn huma relatati mal-istrument għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-appoġġ. Jenħtieġ li dawk id-dettalji jkunu magħmula disponibbli għall-pubbliku mill-Istat Membru fuq talba.***

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat ***għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza***. ***L-appoġġ*** tal-Unjoni ***skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.***	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat ***li jenħtieġ li jkun kompletament koerenti mal-miżuri appoġġati permezz tal-istrumenti ta' finanzjament estern*** tal-Unjoni ***u mal-prinċipji ġenerali u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE")***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun ċar li, peress li l-istrument huwa fil-bidu l-kbira strument ta' politika interna, meta jintuża esternament irid ikun konsistenti u koerenti mal-politika esterna tal-UE kif deskritta fit-Trattati u mhux bil-maqlub.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ*** tal-Unjoni skont dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*** tal-Unjoni Ewropea ***u*** jenħtieġ li ***jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati*** Membri ***li jirriżultaw mill-istrumenti*** internazzjonali ***li huma parti għalihom***.	(17) ***Sabiex jiġi żgurat appoġġ effettiv*** tal-Unjoni skont dan ir-Regolament***, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament*** tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li ***tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentar ta' dan ir-Regolament billi tapprova l-miżuri u l-azzjonijiet relatati mal-objettivi ta' dan ir-Regolament, u fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' azzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ, u l-ammonti li l-Istati*** Membri ***jirċievu għal kull persuna ammessa permezz tar-risistemazzjoni jew l-ammissjoni umanitarja u għal kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju ta' protezzjoni*** internazzjonali ***rilokat. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, li jinkludi dak fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati***.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u t-trasparenza fir-rigward tal-appoġġ ipprovdut skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw azzjonijiet li huma eliġibbli għall-appoġġ kif stabbilit fl-Anness.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar l-ażil u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji u ***l-ażil, inkluż billi jipprovdi appoġġ*** għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp ***tal-Patt*** dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u ***s-sistema*** komuni ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati fil-każ ta' influss bil-massa.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar l-ażil u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034.
	Jistabbilixxi wkoll livelli minimi ta' finanzjament li għandhom jiġu pprovduti għal ċerti objettivi speċifiċi, jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-kofinanzjament fir-rigward tal-miżuri meħuda, u jistabbilixxi lista ta' azzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni skont ir-Regolament.
	L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji u ***jikkontribwixxi*** għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp ***tal-***

politika komuni dwar l-ażil kif stabbilit fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u ***għas-sistema*** komuni ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati fil-każ ta' influss bil-massa***, f'konformità mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u b'rispett sħiħ tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li għalihom huma parti***.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ***benefiċjarju ta'*** protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu ***2***, il-punt ***(7)*** tar-Regolament (UE) ***2024/1351***;	(2) "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ***ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li tkun ngħatat*** protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu ***3***, il-punt ***(4),*** tar-Regolament (UE) ***2024/1347***;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "membru tal-familja" tfisser membru tal-familja ***kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 2024/1351***;	(4) "membru tal-familja" tfisser ***kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz definit bħala*** membru tal-familja ***skont id-dritt tal-Unjoni rilevanti għall-qasam ta' politika ta' azzjoni appoġġat skont dan l-istrument***;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) "ritorn" tfisser ritorn kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3), tad-Direttiva 2008/115/KE;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) "tneħħija" tfisser tneħħija kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (5), tad-Direttiva 2008/115/KE;

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi li ġejjin:	1. Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji***, u biex jiġu żgurati l-implimentazzjoni, it-tishiħ u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar l-ażil u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni,*** l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal kull wieħed mill-objettivi li ġejjin:

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ ***tar-ritorn u r-riammissjoni effettivi, sikuri u dinjitużi***, ***il-promozzjoni*** u l-kontribut ***għar-riintegrazzjoni*** effettiva ***f'pajjiżi terzi, u l-kontribut għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari permezz tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma***;	(b) it-tisħiħ ***u l-iżvilupp tal-migrazzjoni legali lejn l-Istati Membri f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom***, ***u l-promozzjoni*** u l-kontribut ***għall-integrazzjoni*** effettiva ***u l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sa fejn il-politika ta' ritorn tista' tiġi ffinanzjata taħt dan l-istrument, tali ritorni jridu jkunu "sostenibbli" u ma jwasslux għal migrazzjoni irregolari ċirkolari. L-istrumentalizzazzjoni hija rregolata mill-Patt dwar l-Ażil li huwa kopert taħt l-objettiv (a). L-użu tal-armi mhuwiex terminu li nirrikonoxxu meta nitkellmu dwar il-bnedmin.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ ***u l-iżvilupp tal-migrazzjoni legali lejn l-Istati Membri f'konformità mal-ħtiġiet tagħhom, u l-promozzjoni*** u l-kontribuzzjoni ***għall-integrazzjoni*** effettiva ***u l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-fażijiet bikrija tas-saldu;***	(c) it-tisħiħ ***tar-ritorn u r-riammissjoni effettivi, sikuri, sostenibbli u dinjitużi, il-promozzjoni*** u l-kontribuzzjoni ***għar-riintegrazzjoni*** effettiva ***f'pajjiżi terzi, u l-kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mad-definizzjoni fl-AMIF attwali. Dan għandu jinżamm bħala t-tieni objettiv, bħal fl-AMIF attwali.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-iżgurar tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, ***inkluż permezz ta' metodi innovattivi ta' kooperazzjoni prattika u teknoloġiji ġodda, u l-kontribut għal approċċ komprensiv għall-komponenti interni u esterni tal-ġestjoni*** tal-migrazzjoni u l-ażil.	(d) l-iżgurar tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, ***b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk l-aktar affettwati mill-isfidi*** tal-migrazzjoni u l-ażil.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex ***jinkiseb*** kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi ***bejn*** l-objettivi ***tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati***.	3. ***Fl-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1, għandu jiġi implimentat appoġġ permezz ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet kif stabbilit fl-Anness.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet ***stabbiliti fl-Anness li jsegwu*** kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi ***hija biżżejjed biex jintlaħqu dawk*** l-objettivi.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal EUR ***11 975 428 500*** fi prezzijiet attwali. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.	1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-2028 sal-2034 huwa stabbilit għal EUR ***13 172 971 350*** fi prezzijiet attwali. Dan għandu jiġi implimentat f'konformità mar-regoli orizzontali għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbiliti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà. ***F'każ ta' dubju dwar l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà, u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jipprevalu r-regoli lex specialis stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi ta' żieda ta' 10 % skont ir-rapport interim tal-QFP

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-objettivi	3. Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-objettivi

stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE ***skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà,*** għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 TFUE.	stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE għandhom jiġu stabbiliti ***f'konformità mal-Artikolu 4a, il-paragafi 3, 4, 5 u 6, ta' dan ir-Regolament u*** fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 TFUE.
	Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għal miżuri li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni ***tipproponi deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill*** li ***tapprova*** l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta'*** dawk il-miżuri.	4. Għal miżuri ***u azzjonijiet*** li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri ***u dawk l-azzjonijiet*** jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni ***tadotta att delegat*** li ***japprova*** l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 9a biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tapprova*** dawk il-miżuri ***u dawk l-azzjonijiet***.
	Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Meta tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-miżuri*** relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	5. ***L-att delegat li japprova l-miżuri u l-azzjonijiet*** relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-proposta tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u t-trasport marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija*** fil-paragrafu 4, bħala regola, ***fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u*** flimkien ***mad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija*** fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.	6. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi*** fil-paragrafu 4, bħala regola, flimkien ***mal-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-proposta tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill*** li ***japprovaw*** l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ikopru*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.	7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, tas-sajd u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-att delegat*** li ***japprova*** l-emendi tal-elementi elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ta' dak ir-Regolament ikopri*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Ambitu tal-appoġġ
	1. Għandu jingħata appoġġ għall-azzjonijiet elenkati fl-Anness, li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a biex temenda l-lista tal-azzjonijiet eleġibbli għall-appoġġ fl-Anness.
	***2. Sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-appoġġ jista', f'każijiet eċċezzjonali, fi ħdan limiti definiti u soġġett għal salvagwardji xierqa, jiġi pprovdut għal miżuri jew azzjonijiet f'pajjiżi terzi. Tali miżuri jew**

azzjonijiet għandhom ikunu totalment koerenti ma' miżuri appoġġati mill-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni u mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

3. Fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, l-ammont totali ta' finanzjament mill-Faċilità tal-UE pprovdut biex jappoġġa miżuri jew azzjonijiet f'pajjiżi terzi ma għandux jaqbeż il-5 % tal-ammont totali allokat biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

4. Fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, minimu ta' 20 % tal-finanzjament mill-Faċilità tal-UE li għandu jiġi allokat għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għandu jiġi allokat għall-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a) ta' dak l-Artikolu.

5. Fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, minimu ta' 20 % tal-finanzjament mill-faċilità tal-UE li għandu jiġi allokat għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 għandu jiġi allokat għall-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b) ta' dak l-Artikolu.

6. Sa fejn ikun relatat mal-istrumenti tal-Affarijiet Interni, il-Faċilità tal-UE għandha, b'mod partikolari, tappoġġa miżuri jew azzjonijiet li jindirizzaw l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) li huma implimentati minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. F'dak ir-rigward, fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, minimu ta' 5 % tal-allokazzjoni tal-faċilità tal-UE ddedikata għall-istrumenti tal-Affarijiet Interni għandu jkollu fil-mira l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' integrazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali.

7. L-ammont totali ta' finanzjament għall-appoġġ ta' miżuri jew azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom taħt il-programmi ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu XX tar-Regolament (UE)

[...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, is-sħubijiet ma għandux jaqbeż, għal kull Stat Membru, 5 % tal-ammont totali allokat minn dak l-Istat Membru għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

8. Fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, għal miżuri jew azzjonijiet relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jallokaw minimu ta' 20 % tal-finanzjament nazzjonali għall-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a) u minimu ta' 20 % għall-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b).

9. L-objettivi ta' dan ir-Regolament għandhom jappoġġaw miżuri jew azzjonijiet li jiffukaw fuq grupp fil-mira wieħed jew aktar fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 78 u 79 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Prinċipju ta' sħubija
	Għall-finijiet tal-appoġġ tal-Unjoni taħt dan l-istrument, f'konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, is-sħubijiet għandhom jinkludu awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u

awtoritajiet pubbliċi oħra jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw tali awtoritajiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal organizzazzjonijiet tar-refuġjati u organizzazzjonijiet immexxija mill-migranti, kif ukoll istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u korpi tal-ugwaljanza, u, fejn xieraq, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab ekonomiċi u soċjali.

Meta jippreżentaw il-pjan ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament, għall-finijiet ta' dan l-istrument l-Istati Membri għandhom jagħtu dettalji dwar il-kompożizzjoni tas-sħubijiet tagħhom kif ukoll id-deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' sħubija. Dawk id-dettalji għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku fuq talba.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4c
	Rati tal-kofinanzjament
	1. Għall-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, il-kontribuzzjoni normali mill-baġit tal-Unjoni għandha tkun ta' 80 % tan-nefqa eliġibbli totali.
	2. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 90 % tan-nefqa totali eliġibbli għal azzjonijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness, li jindirizzaw l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3, paragrafu 1, punt (b).
	3. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 100 % tan-nefqa totali eliġibbli għal azzjonijiet iffinanzjati

taħt il-faċilità tal-UE f'konformità mal-Artikolu 4a, paragrafu 6, ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jiġi pprovdut biss meta l-ftehimiet u l-oqfsa ta' kooperazzjoni jiżguraw b'mod ċar konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-obbligi internazzjonali, inkluż permezz ta' salvagwardji infurzabbli, monitoraġġ effettiv, u arranġamenti ċari ta' obbligu ta' rendikont.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4(4),4a(1), 5(8) u 6(7) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [data tad-dħul fis-seħħ

ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 4(4), 4a(1), 5(8) u 6(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4(4), 4a(1), 5(8) u 6(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Anness (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS
	LISTA TA' AZZJONIJIET ELIĠIBBLI
	1. Fl-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, dan l-istrument għandu jappoġġa:
	(a) l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali, reġjonali u lokali b'rabta mal-ażil, il-migrazzjoni legali, l-integrazzjoni, ir-ritorn u l-migrazzjoni irregolari f'konformità mal-acquis rilevanti tal-Unjoni;
	(b) l-istabbiliment ta' strutturi amministrattivi, għodod u sistemi, inkluż sistemi tal-ICT, u t-taħriġ tal-persunal, inkluż il-persunal tal-awtoritajiet lokali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, f'kooperazzjoni ma' aġenziji deċentralizzati rilevanti, fejn xieraq;
	(c) l-istabbiliment ta' punti ta' kuntatt fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali biex jipprovdu gwida imparzjali, informazzjoni prattika u assistenza dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-UE b'rabta ma' dan l-istrument għall-benefiċjarji potenzjali;
	(d) l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-proċeduri, inkluż il-ġbir, l-iskambju u l-analiżi ta' informazzjoni u data; id-disseminazzjoni ta' data u statistika kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' għodod, metodi u indikaturi statistiċi komuni għall-kejl tal-progress u l-valutazzjoni tal-iżviluppi tal-politika;
	(e) l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u ta' strateġiji; it-tagħlim reċiproku, l-istudji u r-riċerka; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti; u l-istabbiliment ta' networks ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali;
	(f) servizzi ta' assistenza u ta' appoġġ

ipprovduti b'mod sensittiv għall-ġeneru li huma konsistenti mal-istatus u l-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari persuni vulnerabbli;

(g) operazzjonijiet li għandhom l-għan li jipproteġu b'mod effettiv it-tfal migranti, inkluża l-implimentazzjoni ta' valutazzjonijiet dwar l-aħjar interessi tat-tfal, it-tisħiħ tas-sistemi tal-kustodja, kif ukoll l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-proċeduri dwar is-salvagwardja tat-tfal;

(h) operazzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu s-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali dwar il-politiki tal-asil, l-integrazzjoni, il-migrazzjoni legali u r-ritorn, b'attenzjoni speċifika għal persuni vulnerabbli, inklużi l-minorenni.

2. Fl-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), l-istrument għandu jappoġġa:

(a) il-forniment ta' għajnuna materjali, inkluża assistenza fil-fruntiera;

(b) it-twettiq ta' proċeduri tal-asil f'konformità mal-acquis dwar l-asil, inkluż l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ bħat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, l-assistenza legali, it-traċċar tal-familja u servizzi oħra li huma konsistenti mal-istatus tal-persuna kkonċernata;

(c) l-identifikazzjoni ta' applikanti bi ħtiġijiet proċedurali jew ta' akkoljenza speċjali, inkluża l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar, bl-għan li jiġu riferuti għal servizzi speċjalizzati bħal servizzi psikosoċjali u ta' riabilitazzjoni;

(d) l-għoti ta' servizzi speċjalizzati bħal servizzi psikosoċjali u ta' riabilitazzjoni kwalifikati lil applikanti bi ħtiġijiet proċedurali jew ta' akkoljenza speċjali;

(e) l-istabbiliment jew it-titjib ta' infrastruttura ta' akkomodazzjoni għall-akkoljenza, bħal infrastruttura fuq skala żgħira li tindirizza l-ħtiġijiet ta' familji

b'minorenni, inklużi dawk ippruvduti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, u inkluża l-possibbiltà tal-użu konġunt ta' dawn il-faċilitajiet minn aktar minn Stat Membru wieħed;

(f) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jiġbru, janalizzaw u jikkondividu mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom informazzjoni dwar il-pajjiż tal-oriġini;

(g) operazzjonijiet relatati ma' programmi ta' risistemazzjoni tal-Unjoni jew skemi nazzjonali ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja, inkluż it-twettiq ta' proċeduri għall-implimentazzjoni tagħhom;

(h) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi terzi biex itejbu l-protezzjoni ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni, inkluż permezz ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' sistemi ta' protezzjoni għat-tfal migranti;

(i) l-istabbiliment, l-iżvilupp u t-titjib ta' alternattivi effettivi għad-detenzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati u familji, u inkluż, fejn xieraq, kura mhux istituzzjonalizzata integrata fis-sistemi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal.

3. Fl-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), l-istrument għandu, b'mod partikolari, jappoġġa:

(a) il-pakketti ta' informazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-kanali ta' migrazzjoni legali lejn l-Unjoni, inkluż dwar l-acquis tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni legali;

(b) l-iżvilupp ta' skemi ta' mobbiltà lejn l-Unjoni, bħal skemi ta' migrazzjoni ċirkolari jew temporanja, inkluż it-taħriġ sabiex tissaħħaħ l-impjegabbiltà;

(c) il-kooperazzjoni bejn pajjiżi terzi u l-aġenziji tar-reklutaġġ, is-servizzi tal-impjiegi u s-servizzi tal-immigrazzjoni tal-Istati Membri;

(d) il-valutazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki, inkluża l-esperjenza

professjonali, miksuba f'pajjiż terz, kif ukoll it-trasparenza, u l-ekwivalenza tagħhom ma' dawk ta' Stat Membru;

(e) l-assistenza fil-kuntest ta' applikazzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE;

(f) l-assistenza, inklużi l-assistenza u r-rappreżentanza legali, b'rabta ma' bidla fl-istatus għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu diġà qed jirrisjedu legalment fi Stat Membru, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kisba ta' status ta' residenza legali kif definit fil-livell tal-Unjoni;

(g) l-assistenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jfittxu li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari dawk relatati mal-mobbiltà, fl-istrumenti tal-Unjoni tal-migrazzjoni legali;

(h) il-miżuri ta' integrazzjoni, bħall-appoġġ imfassal f'konformità mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u l-programmi ta' integrazzjoni li jiffokaw fuq il-konsulenza, l-edukazzjoni, il-lingwi u taħriġ ieħor, bħal korsijiet ta' orjentazzjoni ċivika u gwida professjonali;

(i) l-operazzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza fl-aċċess għal servizzi pubbliċi u privati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-għoti ta' tali servizzi lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż l-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-appoġġ psikosoċjali u l-adattament ta' tali servizzi għall-ħtiġijiet tal-grupp fil-mira;

(j) il-kooperazzjoni bejn korpi governattivi u nongovernattivi, b'mod integrat, inkluż permezz ta' ċentri koordinati ta' appoġġ għall-integrazzjoni, bħal punti uniċi ta' servizz;

(k) l-operazzjonijiet li jippermettu u jappoġġaw l-introduzzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetà riċeventi u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fiha, u operazzjonijiet li jippromwovu l-

aċċettazzjoni mis-soċjetà riċeventi;

(l) l-iskambji u d-djalogu bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi, is-soċjetà riċeventi u l-awtoritajiet pubbliċi, inkluż permezz ta' konsultazzjoni ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u d-djalogu interkulturali u interreliġjuż;

(m) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-servizzi ta' integrazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet lokali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

4. Fl-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), l-istrument għandu jappoġġa:

(a) l-istabbiliment jew it-titjib ta' infrastruttura miftuħa għall-akkoljenza jew id-detenzjoni, inkluża l-possibbiltà tal-użu konġunt ta' tali faċilitajiet minn aktar minn Stat Membru wieħed;

(b) l-introduzzjoni, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-titjib ta' miżuri alternattivi effettivi għad-detenzjoni, inkluża l-ġestjoni lokali tal-każijiet, b'mod partikolari b'rabta ma' minorenni mhux akkumpanjati u familji;

(c) l-introduzzjoni u t-tisħiħ ta' sistemi indipendenti u effettivi ta' monitoraġġ tar-ritorn furzat, kif stabbilit fl-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115/KE;

(d) il-ġlieda kontra l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari, inkluż l-impjieg ta' migranti irregolari, permezz ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskju, it-taħriġ tal-persunal u t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi li permezz tagħhom il-migranti irregolari jistgħu jitolbu ħlas b'lura u jressqu lmenti kontra l-impjegaturi tagħhom, u kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni biex l-impjegaturi u l-migranti irregolari jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2009/52/KE;

(e) il-preparazzjoni tar-ritorni, inkluż miżuri li jwasslu għall-ħruġ ta'

deċiżjonijiet ta' ritorn, l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u t-traċċar tal-familji;

(f) il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet konsulari u s-servizzi tal-immigrazzjoni jew awtoritajiet u servizzi rilevanti oħra ta' pajjiżi terzi bl-għan li jinkisbu d-dokumenti tal-ivvjaġġar, jiġu ffaċilitati r-ritorni u tiġi żgurata r-riammissjoni inkluż permezz tal-iskjerament ta' uffiċjali ta' kollegament ta' pajjiżi terzi;

(g) l-assistenza għar-ritorn, b'mod partikolari r-ritorn volontarju assistit u informazzjoni dwar programmi ta' ritorn volontarju assistit, inkluż billi tingħata gwida speċifika għat-tfal fil-proċeduri ta' ritorn;

(h) l-operazzjonijiet ta' tneħħija, inklużi l-miżuri relatati, f'konformità mal-istandards stipulati fid-dritt tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-appoġġ għal tagħmir koerċittiv;

(i) il-miżuri li jappoġġaw ir-ritorn u r-riintegrazzjoni sostenibbli tal-persuna rimpatrijata, inkluż inċentivi ta' flus, taħriġ, assistenza għal kollokament u impjieg u appoġġ biex jinbdew attivitajiet ekonomiċi;

(j) il-faċilitajiet u s-servizzi ta' appoġġ f'pajjiżi terzi biex jiżguraw akkomodazzjoni temporanja u akkoljenza adegwati mal-wasla u, fejn xieraq, tranżizzjoni rapida lejn akkomodazzjoni fil-komunità;

(k) il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u dwar ir-ritorn u r-riammissjoni effettivi;

(l) il-miżuri li għandhom l-għan li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-mezzi legali xierqa għall-migrazzjoni u r-riskji tal-immigrazzjoni irregolari;

(m) l-assistenza u l-operazzjonijiet f'pajjiżi terzi li jgħinu fit-titjib tal-kooperazzjoni effettiva bejn pajjiżi terzi u

l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha dwar ir-ritorn u r-riammissjoni u li jappoġġaw ir-riintegrazzjoni fis-soċjetà ta' oriġini.

5. Fl-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (d), l-istrument għandu jappoġġa:

(a) l-implimentazzjoni ta' rilokazzjonijiet minn Stat Membru għal ieħor ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont l-Artikoli 56, 67 u 68 tar-Regolament (UE) 2024/1351;

(b) l-implimentazzjoni ta' miżuri alternattivi ta' solidarjetà fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-akkoljenza, tal-ażil, tar-ritorn u tar-riintegrazzjoni, b'enfasi fuq l-appoġġ operazzjonali, il-bini tal-kapaċitajiet, is-servizzi, l-appoġġ għall-persunal, il-faċilitajiet u t-tagħmir tekniku skont l-Artikoli 56 u 65 tar-Regolament (UE) 2024/1351;

(c) l-appoġġ operazzjonali f'termini ta' persunal sekondat jew assistenza finanzjarja pprovduta minn Stat Membru lil Stat Membru ieħor affettwat mill-isfidi tal-migrazzjoni, inkluż appoġġ ipprovdut lill-EUAA;

(d) l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja skont ir-Regolament (UE) 2024/1350.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jinżamm strument li jipprovdi finanzjament fil-livell tal-Unjoni għall-politiki dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni ("ir-Regolament AMI") għall-2028-2034. Filwaqt li r-Rapporteur jiddispjaċiha dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma żżommx fond awtonomu, l-abbozz ta' rapport jipprova jirfina u jibni fuq il-proposta tal-Kummissjoni.

Kwistjonijiet tal-lingwa fil-qasam tal-migrazzjoni. Fl-abbozz ta' Rapport, ir-Rapporteur temenda l-lingwaġġ propost mill-Kummissjoni li jfittex li jiddiżumanizza lill-migranti, u lingwaġġ li jippreżenta l-migrazzjoni biss mill-perspettiva ta' fenomenu li jrid jiġi evitat. Ir-Rapporteur temenda wkoll l-objettivi tal-istrument biex jiġi evitat finanzjament doppju u jitneħħew l-inkonsistenzi rigward l-appoġġ li għandu jiġi pprovdut taħt l-Istrument ta' Schengen, tal-Fruntieri u tal-Viżi u l-appoġġ skont ir-Regolament AMI.

Fl-abbozz ta' rapport, ir-Rapporteur tfittex li tipprovdi aktar trasparenza rigward l-użu tal-finanzjament tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika tal-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Biex jinkiseb dan, ir-Rapporteur tintroduċi mill-ġdid anness għar-Regolament li jidentifika azzjonijiet li huma eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni, abbażi tal-prattika attwali skont il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni eżistenti.

Ir-Rapporteur tfittex ukoll li tiżgura li l-Istati Membri jiffinanzjaw l-objettivi kollha stabbiliti fir-Regolament b'mod stabbli u prevedibbli. Għal dan l-għan, ir-Rapporteur tipproponi perċentwal minimu ta' finanzjament – kemm mill-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali kif ukoll mill-Faċilità tal-UE – għall-objettiv li jiġi indirizzat l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, inkluża l-implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u perċentwal minimu għall-objettiv li jindirizza l-integrazzjoni u l-migrazzjoni legali, li r-Rapporteur tqis ta' importanza estrema.

Ir-Rapporteur tindirizza l-kwistjoni tal-kofinanzjament għall-benefiċjarji potenzjali tar-Regolament AMI. Ir-rati ta' kofinanzjament proposti mill-Kummissjoni stabbiliti fir-Regolament propost dwar il-PSNR, jipprevedu livelli kompletament mhux realistiċi ta' kofinanzjament għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq skala żgħira, u anke għal awtoritajiet lokali u reġjonali iżgħar, li jipprovdu assistenza fil-livell lokali dwar l-azzjonijiet tal-ażil u l-integrazzjoni. Għalhekk, ir-Rapporteur tipproponi li jiġu stabbiliti rati ta' kofinanzjament speċifiċi fir-rigward tal-appoġġ ipprovdut skont ir-Regolament AMI. Dan biex tiġi żgurata l-vijabbiltà kontinwa tal-atturi tas-soċjetà ċivili u l-proġetti li jwettqu, li huma essenzjali biex jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi stabbiliti skont l-istrument.

Fl-istess ħin, l-emendi jfittxu li jippreservaw il-fokus intern primarju tal-Fond u jillimitaw in-nefqa għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi għal massimu ta' 5 % tar-riżorsi annwali mill-Faċilità tal-UE ddedikata għar-Regolament AMI. Il-PSNR tal-Istati Membri huma soġġetti wkoll għal-limitu ta' 5 %. Peress li dan huwa l-uniku strument ta' finanzjament tal-Unjoni għall-ażil u l-migrazzjoni, u peress li l-isfidi interni dwar l-integrazzjoni u marbuta mal-implimentazzjoni tal-Patt jibqgħu konsiderevoli, l-appoġġ taħt dan l-istrument irid primarjament jappoġġa miżuri fl-Unjoni u jikkontribwixxi direttament għall-funzjonament tas-sistemi Ewropej tal-ażil u l-integrazzjoni.

Fl-aħħar nett, lil hinn mill-programmi tal-Istati Membri, għad hemm domanda sinifikanti għal finanzjament dirett lill-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' integrazzjoni. Filwaqt li tibni fuq il-prattika stabbilita taħt il-Fond attwali, ir-Rapporteur tipproponi li l-Faċilità tal-UE twarrab 5 % tal-appoġġ annwali li għandu jiġi dirett lejn l-Affarijiet Interni speċifikament għal azzjonijiet ta' integrazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali.